# Manwal ta' Użu - Applikazzjoni għall-Benefiċċji tal-Maternità u Adozzjoni

Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

Dan il-manwal ġie mfassal mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex jgħinek timla applikazzjoni onlajn għall-Benefiċċju tal-Maternità jew Adozzjoni b'mod korrett u komplet.

Din l-applikazzjoni tista tintuża kemm jekk tixtieq tapplika għall-Benefiċċji tal-Maternita' u Adozzjoni kif ukoll għall-Benefiċċji għall-Leave tal-Maternità u Adozzjoni.

Nota: Dan il-manwal ġie miktub għal skop ta' informazzjoni u m'għandux saħħa legali.

## Għal aktar informazzjoni

Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali
38, Triq l-Ordinanza
Valletta VLT 1021

Freephone 153

social.security@gov.mt

www.socialsecurity.gov.mt

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali juża l-informazzjoni provduta sabiex jipproċessa l-applikazzjoni. Nistgħu niċċekjaw l-informazzjoni provduta minnek jew informazzjoni dwarek provduta minn terzi persuni ma' informazzjoni oħra miżmuma għandna. Aħna marbutin li ma nikxfux informazzjoni dwarek lil persuni jew organizzazzjonijiet barra mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sakemm dan ma jkunx permess mil-liġi. Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jittratta l-informazzjoni personali tiegħek skont l-Att tal-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 440.) sabiex jipproteġi l-privatezza tiegħek.

# Taqsimiet


L-Iskop tal-Applikazzjoni ........ 4

L-Istadji tal-Applikazzjoni ........ 4

Il-Mili tal-Applikazzjoni u Noti Ġenerali ........ 4

1 Dettalji Personali ........ 5

2 Dettalji tal-Formola ........ 6

3 Dettalji Oħra ........ 6

4 Annessi ........ 7

5 Firma ........ 8

6 Issottometti ........ 9

## L-Iskop tal-Applikazzjoni

Permezz ta' din il-formola elettronika, int tista' tapplika għal benefiċċju tal-Maternità jew Adozzjoni. Jekk int qed tistenna tarbija u qiegħda għallinqas fit-tmien xhar tat-tqala jew kellek wild mhux iktar minn sitt xhur ilu, u m'intix qed tibbenefika minn leave tal-maternità int tista' tapplika għal benefiċċju dwar il-maternità. Jekk mill-banda l-oħra, int taħdem u qed tibbenefika mill-leave tal-maternità u qiegħda fi żmien sitt xhur minn għeluq it-tmintax –il ġimgħa, inti ntitolata biex tapplika għall-benefiċċju dwar il-leave tal-maternità. Dawn iż-żewġ benefiċċji japplikaw ukoll għal min qed jadotta jew adotta xi wild, taħt l-istess kundizzjonijiet.

## L-Istadji tal-Applikazzjoni

L-applikazzjoni għall-benefiċċju tal-Maternità jew Adozzjoni tgħaddi minn dawn l-istadji:

1. Il-mili u s-sottomissjoni tal-applikazzjoni mill-applikanta: Hawnhekk, l-applikanta timla l-applikazzjoni bid-dettalji rikjesti u tissottometti l-applikazzjoni lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.
2. L-ipproċessar tal-applikazzjoni: L-uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jiċċekjaw l-applikazzjoni biex jikkonfermaw li l-informazzjoni ġiet ipprovduta b'mod sħiħ u korrett. Jekk dan ma jkunx il-każ, id-Dipartiment jista' jkollu bżonn jitolbok informazzjoni addizzjonali jew permezz ta' din il-formola jew permezz ta' posta tradizzjonali, skont kif ikun hemm bżonn.

## Il-Mili tal-Applikazzjoni u Noti Ġenerali

Sabiex tkun tista' tissottometti l-applikazzjoni, trid tilloggja bl-eID tiegħek. F'każ li trid tapplika għall-eID jew inkella insejt il-*password*, idħol fuq www.mygov.mt għal aktar tagħrif dwar kif tagħmel dan.

L-Applikazzjoni għal benefiċċju tal-Maternità jew Adozzjoni tikkonsisti f'dawn l-oqsma:

1. Dettalji Personali
2. Dettalji tal-Formola
3. Dettalji Oħra
4. Annessi
5. Firma
6. Issottometti

Kull qasam tal-applikazzjoni jinsab f'paġna għalih. Int tista' tipproċedi minn paġna għal oħra billi tuża l-lista tal-għażla fin-naħa ta' fuq. Tista' wkoll tagħmel użu mill-buttuni 'TA' QABEL' u 'LI JMISS' biex tmur fil-paġna ta' qabel jew ta' wara rispettivament. Importanti li ma tużax il-buttuni tan-navigazzjoni tal-brawser sabiex ma titlifx l-informazzjoni li tkun daħħalt fl-applikazzjoni.




***Il-lista tal-għażla (fuq) u l-buttuni (isfel) li bihom tmur għall-paġna ta' qabel jew ta' wara***

Tajjeb ukoll tinnota li int ma tistax tipproċedi minn parti għal oħra fl-applikazzjoni sakemm ma tkunx daħħalt l-informazzjoni kollha fil-parti li tkun fiha, li tkun immarkata bħala mandatorja, jew inkella jekk tkun daħħalt informazzjoni li ma tkunx fil-format rikjest. F'każ li tipprova tagħmel dan, tidher kaxxa ta' djalogu li tinfurmak bl-iżbalji li jkunu saru jew bl-informazzjoni nieqsa.




***Kaxxa ta' djalogu b'messaġġ ta' informazzjoni nieqsa u b'messaġġ ieħor ta' format invalidu.***

Jekk għal xi raġuni, tkun trid taqbeż minn parti għal oħra tal-applikazzjoni qabel ma tkun imlejt il-kontenut kollu u kif suppost, għandek tikklikkja fuq il-kaxxa ż-żgħira 'Terġax twissini' u mbagħad tkompli billi tikklikkja fuq il-buttuna s-sewda 'OK'. Wara li tagħmel dan, int tkun tista' taqleb minn parti għal oħra mingħajr ebda restrizzjoni.

Tajjeb tkun taf li fi kwalunkwe ħin, int tista' tissejvja l-applikazzjoni tiegħek billi tagħfas fuq il-buttuna ( ) li tinsab f'kull paġna tal-formola, fin-naħa ta' fuq, fuq il-lemin. Tista' wkoll, fi kwalunkwe ħin, tesporta l-formola fl-istat kurrenti fuq dokument pdf. Dan tagħmlu billi tikklikkja fuq il-buttuna ( ) li wkoll tinsab f'kull paġna tal-formola, fin-naħa ta' fuq, fuq il-lemin.

## Paġna nru 1: Dettalji Personali

1

Kif diġà elenkat, huwa importanti li l-applikazzjoni timtela mill-persuna li se tapplika għall-benefiċċju u permezz tal-eID tal-istess persuna. Dan minħabba li d-dettalji personali jiġu direttament meħuda mill-kont tal-eID. Din il-formola hija maqsuma f'2 sezzjonijiet:

1. Dettalji tal-persuna li se tapplika għall-benefiċċju
2. Dettalji tal-indirizz permanenti tal-persuna li se tapplika għall-benefiċċju




***Sezzjoni 1: Id-dettalji tal-persuna li se tapplika***

Fid-dettalji personali, il-kaxxi għan-numru tal-Karta tal-Identità, in-Numru tas-Sigurtà Soċjali, il-Kunjom, l-Isem u d-Data tat-Twelid ikunu diġà mimlija. Kull ma jkun jeħtieġlek timla huwa t-titlu

tiegħek. Biex iddaħħal it-titlu tiegħek, ikklikkja fuq il-vleġġa (⌄) maġenb il-kaxxa l-bajda 'Titlu' u agħżel it-titlu tiegħek mil-lista pprovduta billi tikklikkja fuqu.

Il-kaxxi tad-dettalji tal-indirizz personali jkunu diġà mimlija kif jidher fl-istampa ta' hawn taħt.


Sezzjoni 2: Indirizz Permanenti

Numru tad-dar* 152
Isem tad-dar* Dar il-Hena
Lokalità * MOSTA
Triq * TRIQ IL-KNISJA
Kodiċi Postali MST 2222

*Sezzjoni 2: Id-dettalji tal-indirizz tal-persuna li se tapplika*

## Paġna nru 2: Dettalji tal-Formola

2

Din il-parti tirrikjedi dettalji dwarek fosthom dwar il-konjuġi tiegħek, dettalji fuq l-impjieg kif ukoll dettalji dwar il-pagament. Indika l-istat matrimonjali tiegħek billi tikklikkja fuq il-kaxxa applikabbli.

Ibda billi tindika jekk it-talba hijiex għal benefiċċju ta' maternità/adozzjoni inkella għal benefiċċju ta' leave tal-maternità/adozzjoni billi tikklikkja l-kaxxa applikabbli. F'każ li int miżżewwġa jew f'unjoni ċivili, jeħtieġ li ddaħħal id-dettalji dwar il-konjuġi fosthom in-Numru tal-Identità, in-Numru tas-Sigurtà Soċjali, l-Isem, il-Kunjom kif ukoll id-Data taż-Żwieġ/Unjoni Ċivili.


Sezzjoni 3: Dettalji tal-Applikant

Applikazzjoni għal: *immarka ( ✓ ) kif meħtieġ*

☑ **Benefiċċju tal-Maternità/Adozzjoni** *fil-każ ta' Maternità tista' tapplika kemm qabel kif ukoll wara li titwieled it-tarbija imma mhux qabel it-tmien xahar tat-tqala u/jew fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija; fil-każ ta' Adozzjoni tista' tapplika wara li jkollok f'idejk id-dokumenti uffiċjali tal-adozzjoni u/jew fi żmien sitt xhur minn meta seħħet l-istess adozzjoni*

JEW

☐ **Benefiċċju dwar *Leave* tal-Maternità/ *Leave* tal-Adozzjoni** *tista' tapplika BISS jekk it-tarbija diġa twieldet jew ġiet uffiċjalment adottata imma mhux qabel it-tmintax il-ġimgħa ta' 'Leave' tal-Maternità / Adozzjoni u fi żmien sitt xhur minn għeluq it-tmintax-il ġimgħa*

**Dettalji tal-Konjuġi -** *f'każ ta' koppja miżżewġa jew unjoni ċivili biss*

Numru tal-Identità 456786M
Numru tas-Sigurtà Soċjali B45678901
Isem JOE
Kunjom BORG
Data taż-Żwieġ/Unjoni Ċivili 26/07/2014

Kont/u tgħix/u kontinwament hawn Malta f'dawn l-aħħar sitt xhur? Iva ☑ Le ☐

**Kif nistgħu nikkuntattjawk**

☑ Immarka din il-kaxxa jekk trid tirċievi notifika permezz ta' SMS dwar il-ħlas ta' benefiċċji soċjali.

Numru tat-Telefown
Numru tal-mowbajl 79221345
Imejl

**Dettalji tal-Pagament**

Il-benefiċċju għandu jiġi ddepożitat il-Bank f'kont ta' Tfaddil jew Kurrenti imma mhux kont ta' Self. Il-kont indikat għandu jkun f'isem il-benefiċjarju.

Fkaż **biss** li għandek Mandat ta' Sekwestru mill-Bank tista' tagħżel li titħallas b'ċekk. Iva ☐ Le ☑
*Jekk IVA, ehmeż kopja tal-mandat ta' sekwestru*

Bank BANK OF VALLETTA
IBAN MT94VALL20150000000400121345678

In-numru tal-IBAN li tipprovdi jintuża għall-ħruġ ta' **kull** benefiċċju li tista' tkun qed tieħu preżentament jew fil-futur.

*Il-paġna tad-Dettalji tal-Formola*

Billi tittikkja l-kaxxi applikabbli, indika jekk kontx qed tgħix Malta fl-aħħar sitt xhur. Jekk le, trid tindika d-data meta tlaqt minn Malta u jekk applikabli, meta ġejt/irritornajt. Id-dati jistgħu jiddaħħlu billi tuża t-tastiera jew inkella billi tuża l-kalendarju li jidher malli taċċessa l-kaxxa. F'każ li se tuża l-kalendarju, agħżel is-sena min-naħa ta' fuq tal-kalendarju, kompli billi tagħżel ix-xahar permezz tal-vleġeġ fuq in-naħa ta' fuq u fl-aħħarnett agħżel il-ġurnata billi tikklikkja fuq in-numru applikabbli.

Ittikkja l-kaxxa applikabbli mis-sett li jmiss sabiex tindika jekk tixtieqx tirċievi notifika permezz ta' SMS dwar il-pagamenti tal-benefiċċju. Daħħal id-dettalji tal-kuntatt fil-kaxxi (Numru tat-Telefon, Numru tal-Mowbajl, Imejl). In-numru tal-mowbajl huwa mandatorju f'każ li l-kaxxa għan-notifikazzjoni tal-SMS tkun ittikkjata.

Fis-sezzjoni li jmiss, jeħtieġ tipprovdi id-dettalji tal-kont tal-bank fejn tixtieq tirċievi l-benefiċċju. Dan irid ikun jew kont ta' tfaddil inkella kurrenti iżda mhux kont ta' self. Barra minn hekk, il-kont indikat jeħtieġ li jkun f'ismek. Daħħal l-isem tal-bank kif ukoll l-IBAN fil-kaxxi li jmiss. Dan in-numru jrid ikun fih 31 karattru u tista' ssibu fuq rendikont riċenti tal-bank tiegħek. F'każ li għandek mandat ta' sekwestru mill-bank, ikklikkja fuq il-kaxxa (☐) maġenb 'Iva'. Jekk dan m'huwiex il-każ, ikklikkja fuq il-kaxxa maġenb 'Le', ġaladarba din ma tkunx digà mimlija għaliex tkun digà daħħalt id-dettalji tal-kont.

## Paġna nru 3: Dettalji Oħra

3

Din il-paġna tirrikjedi dettalji addizzjonali li huma relatati mal-applikazzjoni. Il-paġna għal benefiċċju tal-maternità/adozzjoni hija kemmxejn differenti minn dik tal-benefiċċju tal-leave tal-maternità/adozzjoni.

Fl-ewwel każ, ikun hemm żewġ mistoqsijiet addizzjonali li jkollok tirrispondi. Ikollok bżonn tindika, billi tittikkja l-kaxxi applikabbli, jekk taħdimx għal rasek u jekk kontx impjegat fit-tliet xhur qabel it-twelid/adozzjoni tat-tarbija. Jekk ir-risposta għal aħħar mistoqsija tkun iva, jeħtieġlek tinkludi d-data ta' meta waqaft taħdem fil-kaxxa provduta, jew billi tikteb fiha jew inkella billi tuża l-kalendarju.

Fiż-żewg każi, jeħtieġlek iddaħħal l-Isem/Ismijiet, il-Kunjom/ijiet, id-Data/i tat-Twelid u n-Numru/i tal-Identità tat-tarbija/trabi fuq min it-talba qed issir, ġaladarba dawn ikunu digà twieldu jew adottati.

Jeħtieġ ukoll tinnota d-dikjarazzjoni fin-naħa ta' isfel tal-paġna (kemm f'każ ta' benefiċċju ta' Maternità/Adozzjoni kif ukoll ta' benefiċċju ta' *leave* tal-Maternità/Adozzjoni). Huwa importanti li tkun konxju tal-kundizzjonijiet peress li int tkun ikkunsidrat li qbilt magħhom ladarba tissottometti l-applikazzjoni tiegħek.


**Sezzjoni 4:**

**Dettalji tal-Impjieg tal-Applikanta** tapplika biss f'każ ta' Benefiċċju tal-Maternità/Adozzjoni

Int timpjega lilek innifsek (Self Occupied)? Iva ☐ Le ☑

*Jekk IVA, ehmeż kopja tal-aħħar irċevuta tal-ħlas tal-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali*

Kont impjegata ma' xi ħadd fl-aħħar tlett xhur qabel it-twelid tat-tarbija/l-adozzjoni tal-wild? Iva ☑ Le ☐

Jekk IVA, meta waqaft tahdem? 14/04/2016

**Dettalji dwar il-wild li għaliha qed issir it-talba** - *timtela biss f'każ li t-tarbija diġà twieldet/il-wild diġà ġie adottat*

| Isem | Kunjom | Data tat-Twelid | Numru tal-Identità |
|---|---|---|---|
| JOHN | BORG | 01/05/2016 | |
| | | | |
| | | | |

**Sezzjoni 5:**

**Dikjarazzjoni**

- Fil-każ ta' applikazzjoni għall-Benefiċċju tal-Maternità/Adozzjoni, niddikjara li la ħadt u lanqas se nieħu *leave* bi ħlas dwar il-maternità mingħand xi prinċipal, dwar it-tqala li għaliha qed nagħmel din it-talba
- Niddikjara li sa fejn naf jien, it-tagħrif li tajt hu kollu veru, komplet u korrett. Nifhem li jekk nagħti informazzjoni falza nista' neħel il-pieni skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali u nista' nitlef id-dritt għall-benefiċċju kollu jew parti minnu skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318)
- Nifhem li skont l-artikolu 133 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, id-Direttur jista' jagħmel l-investigazzjonijiet meħtieġa u jista' jitlob persuni u / jew entitajiet biex jagħtu informazzjoni sabiex tiġi determinata l-eliġibbiltà tal-benefiċċju
- Nobbliga ruħi li ninforma minnufih lid-Direttur b'kull tibdil fiċ-ċirkostanzi. Jekk id-Direttur ma jkunx infurmat sa sitt xhur minn meta jkunu seħħew it-tibdiliet, id-dritt għall-benefiċċju, jew parti minnu, jista' jittieħidlek
- Nifhem li jekk, għal xi raġuni jew oħra, jinstab li jien ma kellix dritt għal dan il-Benefiċċju, ikolli nirrifondi l-ħlasijiet kollha li nkun irċevejt

Kummenti

***Il-paġna tad-Dettalji Oħra għall-Benefiċċju tal-Maternità***

## Paġna nru 4: Annessi

F'din is-sezzjoni, wieħed jista' jtella' l-annessi rikjesti mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Dawn jgħinu lid-Dipartiment billi jipprovdu informazzjoni u permezz tagħhom, dan ikun jista' jivverifika li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni hija tabilħaqq valida.

Il-paġna turik il-lista kollha tal-annessi. Dawn mhux neċessarjament japplikaw kollha għall-applikazzjoni tiegħek. Il-lista tal-annessi hija din:

| Isem tal-Anness | Meta Applikabbli |
|---|---|
| Rapport tal-Prinċipal u tat-Tabib | F'każ li int impjegat (Rapport tal-Prinċipal) u/jew f'każ li t-tarbija għadha ma twelditx (Rapport tat-Tabib) |
| Mandat ta' Sekwestru mill-Bank | F'każ li għandek Mandat ta' Sekwestru |
| Ċertifikat tal-Adozzjoni | F'każ ta' adozzjoni |
| Dokument li juri li ma ħadtx "leave" ta' Maternità u/jew Adozzjoni | F'każ ta' applikazzjoni għal benefiċċju ta' Leave tal-Maternità |
| Annessi Oħra | F'kaz li trid tinkludi dokumenti oħra li m'humiex f'din il-lista |

Sabiex ittella' fajl, ikklikkja fuq il-link b'kulur ikħal li jġib l-isem tal-anness applikabbli. Malli tagħmel dan, tidher kaxxa ta' djalogu. Agħfas il-buttuna 'Browse' u sib il-fajl li trid tapplowdja permezz tal-kaxxa ta' djalogu li titla' hekk kif tikklikkja l-buttuna. Malli ssib il-fajl,

ikklikkja darbtejn fuqu (jew inkella kklikkja darba fuq il-fajl u imbagħad ikklikkja fuq il-buttuna 'Open'). Jekk trid tista' tinforma lid-Dipartiment b'kwalunkwe dettalji dwar il-fajl billi tikteb fil-kaxxa msejħa 'Dettalji'. Agħfas fuq il-buttuna 'EHMEŻ' sabiex tapplowdja l-fajl. Malli tagħmel dan, titla' kaxxa ta' djalogu li tikkonfermalek li l-fajl ġie mtella'. Agħfas fuq il-buttuna 'OK' sabiex tirritorna fil-paġna tal-anness fejn għandek tara l-fajl imniżżel fil-lista tad-dokumenti mehmuża. Tista' jekk trid ittella' fajl ieħor fl-istess paġna billi tirrepeti l-proċess.




***Il-Kaxxa ta' Djalogu li permezz tagħha tista' tapplowdja r-Rapport tat-Tabib***

Biex ittella' fajl ieħor f'paġna ta' anness differenti, jew inkella biex tmur lura fil-paġna li tinkludi l-lista tal-annessi, ikklikkja fuq il-buttuna 'Mur Lura fl-Annessi' fin-naħa ta' fuq tal-paġna. Dan il-proċess jeħtieġ tirrepetih għal kull anness li tkun trid tapplowdja.

Jekk tkun trid tara dokument li tellajt, mill-paġna tal-anness applikabbli, agħfas fuq il-link il-blu tad-dokument fil-lista tad-dokument biex tiftaħ id-dokument.

Jekk trid tneħħi dokument, mill-istess paġna, ikklikkja fuq il-kaxxa (☐) maġenb il-link biex din tiġi mmarkata bl-iswed (☑) u kompli billi tikklikkja fuq il-link il-blu "Ħassar id-dokumenti magħżula". Malli tagħmel dan, titla' kaxxa ta' djalogu fejn tiġi mitlub jekk tridx tikkonferma t-tħassir tad-dokument magħżul. Agħfas fuq il-buttuna 'OK' sabiex tikkonferma jew inkella l-buttuna 'IKKANĊELLA' biex ma tħassarx. Malli tikklikkja fuq 'OK', titla' kaxxa ta' djalogu li tikkonferma li d-dokument tħassar. Agħfas fuq il-buttuna 'OK' biex tirritorna lura fil-paġna tal-annessi.

Ladarba tkun tellajt id-dokumenti kollha, mill-paġna tal-annessi, ikklikkja fuq il-buttuna 'AGĦLAQ' sabiex tkompli għas-sezzjoni li jmiss.

## Paġna nru 5: Firma

F'din is-sezzjoni, int mitlub taqra u taċċetta numru ta' kundizzjonijiet, li fin-nuqqas ta' approvazzjoni tagħhom il-formola ma tkunx tista' tintbagħat. Sabiex tapprova dawn il-kundizzjonijiet inti trid tikklikkja fuq il-buttuna l-griża bil-kliem "Agħfas hawn biex tiffirma". Wara li tagħmel dan, agħfas fuq il-buttuna 'Li Jmiss' sabiex tipproċedi lejn il-paġna tas-sottomissjoni tal-formola.



**Firma**

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jżomm dik l-informazzjoni kollha li hija relevanti biex jagħti s-servizzi meħtieġa lil dawk il-persuni li jikkwalifikaw għal xi assistenza, benefiċċju jew pensjoni mhux kontributorja, skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318). Id-Dipartiment jista' jivverifika l-informazzjoni li inti ssottomettejt kif jipprovdi l-artiklu 133 (b) tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali sabiex jiżgura l-eżattezza fir-rigward tat-talba. Id-"data" personali tista' tingħata lil dipartimenti jew terzi partijiet, li jistgħu jkollhom aċċess għad-"data" personali tiegħek kif tippermetti l-liġi. Fil-ġlieda kontra u l-prevenzjoni tal-frodi, id-Dipartiment jista' jgħaddi lil istituzzjonijiet barranin ta' benefiċċji, l-informazzjoni personali kif stipulat fi trattati internazzjonali u/jew ftehim bilaterali li Malta tagħmel parti minnhom. Tingħata risposta dwar ir-riżultat tal-applikazzjoni tiegħek wara li din tkun mistħarrġa.

Biex jipproteġi l-privatezza tiegħek, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jittratta l-informazzjoni personali tiegħek skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 440). Int tista' tikteb biex tkun taf x'informazzjoni personali għandu dwarek id-Dipartiment, u eventwalment titlob biex l-informazzjoni tiġi korretta jew fejn applikabbli titħassar informazzjoni li mhix korretta, b'referenza għat-talba li għamilt. Din it-talba trid tintbagħat lil: "Kontrollur ta' Data Personali" f'dan id-Dipartiment u azzjoni neċessarja tittieħed mill-aktar fis possibbli. Meta tikteb f'dan ir-rigward, jekk jogħġbok niżżel in-numru tal-karta tal-identità tiegħek, in-numru tas-Sigurtà Soċjali tiegħek, ismek, l-indirizz, kif ukoll xi dokumenti oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex nidentifikaw il-każ tiegħek.

Firma tal-Applikant

Agħfas hawn biex tiffirma

***Il-Paġna tal-Firma***

## Paġna nru 6: Issottometti

6

F'dan l-aħħar stadju tal-applikazzjoni, int tista' tissottometti l-applikazzjoni tiegħek. Dan tagħmlu billi tikklikkja l-buttuna l-ħadra bil-kelma 'IBGĦAT'. Wara li tikklikkja din il-buttuna, sakemm ma jkunx hemm affarijiet mandatorji neqsin, għandek tara messaġġ li jikkonfermalek li l-applikazzjoni intbagħtet.




***Il-buttuna l-ħadra li biha tissottometti l-applikazzjoni***

Tista' wkoll tirtira l-applikazzjoni tiegħek billi tikklikkja fuq il-buttuna l-ħamra bil-kelma 'IRTIRA'. Meta tagħmel dan, titla' kaxxa ta' djalogu li titolbok tikkonferma l-għażla tiegħek. Biex tikkonferma l-irtirar tal-applikazzjoni, ikklikkja fuq il-buttuna tax-xellug ('IRTIRA'). Biex terġa' lura għall-applikazzjoni mingħajr ma tirtiraha, ikklikkja fuq il-buttuna tal-lemin ('IKKANĊELLA').




***Il-buttuna l-ħamra li biha tirtira l-applikazzjoni***

Tista' wkoll tissejvja l-applikazzjoni mingħajr ma tibgħatha jekk pereżempju tkun trid tipprepara xi kopji tad-dokumenti. Dan tagħmlu billi tikklikkja fuq il-buttuna l-bajda 'ISSEJVJA'. Wara li tikklikkja din il-buttuna, għandek tara messaġġ li jikkonfermalek li l-applikazzjoni ġiet issejvjata.




***Il-buttuna l-bajda li biha tissejvja l-applikazzjoni***

Sabiex terġa' taċċessa l-formola illi tkun issejvjajt, jeħtieġlek tmur fil-*Manager* tal-Formoli. Dan tagħmlu billi tikklikkja fuq il-menu "EFORMS" u tikklikkja fuq "Manager tal-Formoli" mil-lista tal-għażla.




***Il-Menu tal-EFORMS***

Malli tagħmel dan, tidher lista ta' formoli li int tkun issejvjajt. Ikklikkja fuq il-formola li trid taħdem fuqha u wara li din tinfetaħ, tkun tista' taħdem b'mod normali, kif spjegat fuq dan il-manwal.